MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2283/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Reginiano**

**vs**

**Rennie Catania**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Novembru, 2003, fejn intqal li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' elf, erba' mija u seba' u tmenin centezmu (Lm1487.80) rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JBA 456 fit-22 ta' Awissu, 2002 gewwa Santa Venera habat mall-vettura numru VRI 222 proprjeta' ta' Victor Reginiano u kkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 2003 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut u ta' ittra ufficali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut. Bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali (11/10/03) li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Rennie Catania prezentata fid-9 ta Jannar, 2004 fejn intqal illi:**
**L-esponenti jirrespingi l-allegazzjonjiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni VRI 222, ossija Victor Reginiano, kawza ta' mprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huwa ngunti minn issa ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Reginiano, John Vassallo, Rennie Catania. Ra l-atti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-22 ta' Awissu, 2002 bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni VRI 222 misjuqa mill-attur Victor Reginiano u l-vettura JBA 456 misjuqa mill-konvenut Rennie Catania. L-incident sehh f'Santa Venera By Pass, Santa Venera.**
**2. Jirrizulta illi hemm versjonijiet kontrastanti dwar minn fejn kienu gejjin il-vetturi, in kwantu l-attur ighid illi hu kien qed isuq fil-karreggjata ta' hdejn il-bankina meta ddecieda li jaqsam ghal karreggjata ta' barra,**

**xeghel l-indicator u vverifika li setgha jaghmel il-manuvra, peress li l-vettura ta' warajh kienet ghadha fl-istess karreggjata tieghu meta ddecieda li jaqsam ghal karreggjata l-ohra. L-attur ighid li qasam ghal gol-karreggjata ta' barra u mexa fiha, meta l-konvenut li kien gej b'velocita' ezagerata qasam ukoll ghall-karreggjata ta' barra u dahal fih. Skond l-attur hu kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Balzan miexi fid-direzzjoni tal-Belt, u fejn gara l-incident hija triq dritta, catta u fit-tul. L-attur ighid illi bid-daqqa li kienet fuq wara tefghu xi tmien jardi 'l boghod.**

**3. Rennie Catania l-konvenut ighid illi kien gej mid-direzzjoni ta' l-Imriehel sejjer lejn il-Marsa u kien qabez il-*fly over.* Skond il-konvenut telghet karozza minn taht il-mina u din il-karozza kienet ta' l-attur.**

**4. Ghalhekk hemm zewg versjonijiet kompletament kontrastanti dwar minn fejn kienu ghaddejjin attwalment iz-zewg vetturi, anzi l-versjonijiet dwar minn fejn kien gej il-konvenut huma aktar kontrastanti ghalkemm jidher illi tassew l-attur kien gej kif qal.**

**5. It-Tribunal innota illi t-triq meta taqbad id-dritta ghal Marsa hija tassew fid-dritt u fit-tul. Jekk wiehed jaccetta l-versjoni tal-konvenut cioe' li qed ighid li kien gej mill-*fly over* jigi illi, kif gara l-incident l-attur kien tassew quddiemu pero' ghal posizzjoni li precedentement kien fiha l-attur. Il-konvenut jekk wiehed iqis li kien gej minn fuq il-fly over kien fil-karreggjata ta' barra a paragun ta' l-attur u sakemm il-konvenut ma bidilx il-karreggjata, kien jibqa' fuq il-karreggjata ta' barra a paragun ta' l-attur. Ghalhekk huwa difficli biex wiehed jaqbel mal-versjoni li l-konvenut kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa kemm-il darba tigi meqjusa l-versjoni tal-konvenut.**

**6. It-Tribunal ghalhekk qed jistrieh fuq fattur aktar oggettiv li huwa l-front to rear esebit a fol 59 tal-process u r-ritratti li garrbu l-karozzi.**

**7. Il-front to rear jindika bic-car zewg vetturi wara xulxin fil-karreggjata ta' barra, u ma hemmx dubbju illi l-incident gara f'dik il-karreggjata. Il-vertenza hija dwar jekk l-attur harigx fil-karreggjata ta' barra waqt li kien ghaddej minnha l-konvenut, jew jekk il-konvenut**

**marx f'dik il-karreggjata waqt li kien hiereg go fiha l-attur.**

**8. Jekk wiehed jara d-danni fil-vettura ta' l-attur dawna huma estensivi fuq wara Dok VR 1 u centrali pero' aktar lejn in-naha tax-xellug. Id-danni fil-vettura tal-konvenut huma fuq quddiem, huma ferm estensivi wkoll u huma aktar fuq ix-xellug ta' l-istess vettura.**

**9. Minn dana wiehed jista' jiddezumi illi l-vettura tal-konvenut kienet aktar 'l barra mill-vettura ta' l-attur meta sehh l-impatt u tali danni huma ndikattivi illi l-attur kien ghadu hiereg fil-karreggjata ta' barra ghaliex li kieku kien miexi gia f'dik il-karreggjata l-impatt kien ikun proprju *bumper to bumper* u d-danni kienu jkunu differenti.**

**10. It-Tribunal iqis illi d-danni estensivi jindikaw velocita' qawwija da parti tal-konvenut. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal hu tal-fehma illi ghall-incident inkwistjoni kienu jahtu z-zewg partijiet fi grad ugwali. L-attur talli ma pprestax bizzejjed attenzjoni meta qed jidhol f'karreggjata li minnu jkun ghaddej traffiku gej minn direzzjoni ohra u l-konvenut talli ma kienx attent ghat-traffiku ta' quddiemu, talli kien qed isuq b'velocita' ezagerata tant li ma kellux il-kontroll tal-karozza biex iwaqqaf fil-hin.**

**11. Id-danni li sofra l-attur jirrizultaw fl-ammont reklamat ta' elf, erba' mija u seba' u tmenin centezmu (Lm1487.80) u dana skond ir-ricevuti esebiti. In kwantu l-konvenut huwa biss responsabbli ghan-nofs, jigi li dan ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija tlieta u erbghin lira u disghin centezmu (Lm743.90).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara illi l-incident in kwistjoni gara b'tort ugwali taz-zewg sewwieqa, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija tlieta u erbghin lira u disghin centezmu (Lm743.90), bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum, salv hu impregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-risarciment fil-konfront tieghu.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------